FLORIANA
*Borgo Vilhena*

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

2 ta' Settembru 2012

# <u>LAQGĦA TAL-KUNSILL</u>

**<u>Minuti tas-Sitt Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana</u>**

Is-Sindku sejjah is-**Sitt (06)** Laqgha tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **<u>nhar it-Tnejn 13 t' Awwissu 2012 fl-4.00pm.</u>**

Is-Sitt (06) laqgha tal-Hames Kunsill Lokali Floriana inzammet b'din l-agenda :-

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
3. Mistoqsijiet lis-Sindku
4. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
5. Ghazla ta` Offerta FLC/T/4/12
6. Karigi tal-Kunsilliera
7. Hinijiet tal-Kunsill
8. Proposta – Statwa tal-Bronz
9. Bankini u Asfaltar Triq l-Argotti u Triq l-Iljun
10. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta Lejliet l-Ewweltas-Sena
11. Monti tal-Hadd
12. Indafa fil-Floriana
13. Qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali
14. Floriana fest
15. Sottokumitati
16. Hatra ta' Street Leaders
17. Skema First Time Buyers
18. Hwejjeg Ohra
19. Aggornament tal-Laqgha

Ghas-Sitt (06) laqgha tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Anthony Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Svetlick Flores, assistit mill-iskrivana E. Theuma.**

**Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda wara l-materja nru 1.3.**

**Bidu tal-laqgha:**
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-hames (05) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 6.8 li ghandha taqra "Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand l-MRAA fejn informaw lill-Kunsill li kienu pprovdewh b'400sqm ta' porfido u ma kellhomx iktar metri ghad-dizpozizzjoni taghhom. Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-Perit kemm jista' jkun malajr sabiex il-Kunsill jara kif ser jipprocedi."

1.3. Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq il-korrezzjoni ta' materja nru 8.4 li ghandha taqra "Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa wkoll li jitnaddfu l-information panels minhabba li bit-trabijiet bilkemm kienu jistghu jinqraw. Is-Sindku ssuggerixxa li l-Kunsill jitlob lill-kuntrattur ghaz-zamma tal-gonna sabiex ta' kultant jibda' jaghti mesha l-information panels li hemm fil-gonna."

**Nota: 16:05 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

1.4 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

1.5 Il-minuti tal-laqgha straordinarja tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.6 Il-minuti msemmija f'1.5 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili. Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mill-Vici-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

2.1 Is-Sindku Nigel Holland ressaq ilment minn resident li lmenta dwar l-ammont kbir ta' skart li qed jintrema ta' sikwit fi Triq San Publju c/w Pjazza ES Tonna. Huwa kompla jghid li r-resident ilmenta li l-gwardjani lokali ma kienux qed iharrku lil min kien qed johrog dan l-iskart u lanqas kienu qed iharrku l-vetturi li ta' sikwit ikunu pparkjati b'mod illegali fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li ghandu jinforma lill-gwardjani lokali b'dawn l-ilmenti u jitlobhom jiehdu l-azzjoni necessarja.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja nru 2.1 u zied jghid li r-resident kien ilmenta wkoll li l-Kunsill kien jaf min kien qed johrog l-iskart f'din iz-zona izda kien qed jaghlaq ghajnejh. Il-Kunsill qabel li ladarba ma kellux informazzjoni ghal min kien qed jirreferi, kellu jinforma lil gwardjani lokali sabiex jghassu iktar din iz-zona.

2.3 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Sur George Reeves li talab permess sabiex jinzel fil-mina tal-ferrovija peress li jahdem u jinteressa ruhu f'dan il-qasam. Il-Kunsill ma qabilx li ghandu jilqa' t-talba tieghu ladarba din ma kinietx qed tinfetah ghall-pubbliku sakemm ma jkunx jixtieq li jhallas persuna mill-Kunsill sabiex takkumpanjah. Il-Kunsill qabel ukoll li jekk is-Sur Reeves jilqa' din l-offerta', ghandu jigi nformat li l-Kunsill mhux ser jinzamm responsabbli ghall-fatt li thalla jinzel fil-mina.

2.4 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li l-mobile toilet li l-Kunsill kera ghall-perjodu tas-Sajf kien qieghed f'post differenti minn dak mitlub. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lill-

kuntrattur sabiex jitpogga fejn mitlub.

2.5 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-Floriana Basketball Club fejn ipproponew li jorganizzaw attivita' konguntament mal-Kunsill, ghal nefqa li tammonta ghal €250. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni sabiex jorganizza din l-attivita' b'mod kongunt.

2.6 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand is-Segretarjat ghall-Anzjani u Kura fil-Komunita' fejn offrew lill-Kunsill sabiex jinnomina anzjan ghall-Premju Anzjan tas- Sena. Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

2.7 Is-Sindku Nigel Holland ressaq korrispondenza minghand il-programm Hadd Ghalik fejn offrew lill-Kunsill sabiex jinnomina xi persuni li ghandhom xi storja jew ghaddew minn xi esperjenza. Il-Kunsill qabel li ghandu jwahhal din it-talba man-noticeboard kif ukoll juriha fuq il-pagna tieghu ta' Facebook ghal min ikun imhajjar japplika.

2.8 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li minkejja li l-permessi l-godda tal-iskema ta' parkegg residenzjali ma kienux ilhom hafna li tbiddlu, il-Kunsill kien diga beda jircievi ilmenti li dawn qed jiswiedu u xi whud minnhom lanqas ghadhom jinqraw jew jintgharfu. Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jitlob lill-Avukat tal-Kunsill sabiex jikteb lill-kuntrattur li pprovda dawn il-permessi.

## 3.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

3.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet lis-Sindku jekk kienux gew iffirmati l-kuntratti biex ikunu jistghu jizdiedu l-punti ta' wi-fi fil-lokalita'. Is-Sindku wiegeb li l-kuntratti kienu gew mibghuta lill-Kunsillier Matthew Paris li min-naha tieghu wiegeb li kellu jarahom fil-jiem li gejjin.

3.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk il-Kunsill kellux risposta dwar it-talba li l-Kunsill kien ghamel sabiex jizdied Bus Stop fi Triq San Frangisk. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill kellu jerga' jfakkar lil Transport Malta u lill-Arriva. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili issuggeriet li l-Kunsill jipproponi li titwahhal biss tabella ta' bus stop sabiex ma jintilfux spazji ta’ parkegg bla bzonn.

3.3 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa lis-Sindku ghalfejn il-files ta' Letters out u Letters in ma baqghux jigu aggornati. Is-Sindku talab lis-Segretarju Ezekuttiv iwiegeb ghall-mistoqsija tal-Kunsillier Borg li min-naha tieghu informa li dawn il-files ma kienux qed jigu aggornati sabiex ma jkunx hemm kopji doppji u hela ta' karti. Huwa zied jghid li l-korrispondenza kollha tal-laqgha li jkun imiss kienet qed tintbaghat lill-kunsilliera kollha permezz ta' email. Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jibda' jintbaghat kollox permezz ta' email u mhux il-korrispondenza tal-laqgha biss, dan sabiex il-kunsilliera jkunu jistghu jinzammu aggornati b'dak li jkun qed jigri.

3.4 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa rigward il-proposta li jibda jsir live-streaming tal-laqghat u saqsa jekk kienx hemm xi progress. Is-Sindku saqsa lill-Vici Sindku Matthew Paris li kien inkarigat minn din il-materja, li min-naha tieghu wiegeb li kien ghadu jrid jikkuntattja lill-offerenti. Is-Sindku ppropona li ssir laqgha bejn il-kunsilliera u l-offerenti sabiex din il-proposta tkun tista' tigi diskussa f'iktar dettall.

## 4.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza **67-05**, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

4.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Anthony Brincat, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 100359 sa 100375, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, AB, NH, MP, DSH)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

**<u>Nota: Il-Kunsillier Matthew Paris hass li ghandu jassenta ruhu mill-approvazzjoni tal-pagament tac-cekk bin-nru 100361 minhabba kunflitt t'interess.</u>**

4.3 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku Nigel Holland, minn zewg kunsilliera u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## <u>5. Ghazla ta` Offerta FLC/T/4/12</u>

5.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lis-Segretarju Ezekuttiv jiftah il-materja.

5.2 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill kien ircieva tliet offerti, li mal-ewwel daqqa t'ghajn kien jidher li ma kienux kollha konformi mal-ispecifikazzjonijiet mitluba mill-Kunsill.

5.3 Is-Segretarju Ezekuttiv kompla billi nforma li t-tliet offerti ser jghaddu ghand l-Inginier Vincent Rapa sabiex jigu evalwati u jghaddi r-rakkomandazzjonijiet tieghu ghall-ahjar ghazla.

## <u>6. Karigi tal-Kunsilliera</u>

6.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjonili billi nforma li ladarba kienu nbidlu l-karigi tal-Kunsill, kien hemm bzonn li jergghu jigu riveduti r-responsabbiltajiet tal-kunsilliera.

6.2 Wara li saru d-diskussjonijiet mehtiega, il-Kunsill qabel fuq it-tqassim tal-karigi kif gej:-

6.3 Il-Kunsillier Anthony Brincat qabel li jkollu l-karigi tal-Housing u Qasam Socjali, Familja u Sahha.

6.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li zzomm il-karigi taz-Zghazagh u Sports, Edukazzjoni; Utilitajiet u Servizzi, Ugwaljanza u l-Avvanz tal-Mara u Harsien tal-Annimali.

6.5 Is-Sindku Nigel Holland talab li l-karigi ma jinqasmux bejn zewg kunsilliera sabiex ma jkunx hemm kunflitti.

6.6 Ghalhekk, il-Kunsill qabel li l-Kunsilliera Davina Sammut Hili tkun responsabbli mill-kariga tal-attivitajiet, mghejjuna mill-kunsillier Matthew Paris.

6.7 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jzomm l-istess karigi li kellu li huma Gonna u Soft areas; Harsien tac-Cittadin, Relazzjonijiet mal-Pulizija, Gwardjani Lokali, Traffiku u Parkegg u Anzjani.

6.8 Il-kunsill qabel li l-kariga tax-xogholijiet fit-toroq u manutenzjoni tinqasam f'zewg partijiet fejn il-Kunsillier Vincent Borg ikun responsabbli mix-xogholijiet ta' manutenzjoni u progetti diga ezistenti u l-Vici Sindku Matthew Paris ikun responsabbli minn xogholijiet godda u progetti infrastrutturali.

**<u>Nota: 16:45 Il-Kunsillier Vincent Borg talab li jkun skuzat.</u>**

6.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris min-naha tieghu talab li apparti l-kariga msemmija f'materja nru 6.8, izomm l-istess karigi li kellu li huma Monti, Kummerc u Kompetizzjoni; u E-Councillor.

6.10 Is-Sindku Nigel Holland ghalhekk informa li kien ser ikun qed izomm l-istess karigi li kellu qabel li huma Turizmu, Kultura u Patrimonju Lokali, Gemellaggi u Librerija u Arkivju izda zied ukoll mar-responsabbiltajiet tieghu il-finanzi, Fondi mill-Unjoni Ewropea u l-Ambjent u l-Indafa Pubblika.

**Nota: 16:50 Il-Kunsillier Vincent Borg rega attenda ghal-laqgha.**

6.11 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien tkellem mal-kuntrattur responsabbli mill-gheluq tas-subways li kien informah li wara li kien tkellem mal-Kunsill, kien gie deciz li dawn ma jibqghux jinghalqu minhabba li kien hemm xi problemi fil-locks. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili wiegbet li fil-laqgha li l-Kunsill kien kellu mal-kuntrattur, il-kunsill kien ta struzzjonijiet cari sabiex jinbidlu l-locks u l-katnazzi u tittiehed l-azzjoni necessarja sabiex dawn jergghu jibdew jinghalqu.

## 7. Hinijiet tal-Kunsill

7.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi ghamel riferenza ghall-kwistjoni li qamet fil-laqgha precedenti rigward il-prezenza ta' terzi persuni fid-Dar tal-Kunsill wara l-hinijiet tal-ufficcju tal-impjegati.

7.2 Huwa zied jghid li wara li kien ivverifika, jidher li m'hemm xejn fil-ligi li jistipula li ma jistax ikun hemm terzi persuni fid-Dar tal-Kunsill.

7.3 Il-Kunsillier Davina Sammut Hili sostniet li l-linji gwida mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jghidu li hadd m'ghandu dritt jidhol fil-bini tal-Kunsill jekk l-ufficcju tal-iskrivani jkun maghluq jew jekk ma jkunx gie biex ikellem xi kunsillier.

7.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob konferma mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali sabiex jigi kkjarifikat dan il-punt.

7.5 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li ma setax jifhem ghalfejn kien qed iqum dan il-punt meta kienu diversi dawk l-ex kunsilliera li kienu jigu filghodu sempliciment biex joqghodu jitkellmu, u joholqu distrazzjoni gewwa l-ufficini.

7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu jaqbel li ghandhom jibdew jittiehdu xi mizuri sabiex jitnaqqsu n-nies li jithallew jidhlu fl-ufficcju tal-Kunsill u zied jghid li li hu jhoss li fl-ufficcju m'ghandhomx jithallew jidhlu nies li m'humiex impjegati jew kunsilliera sakemm mhux necessarju.

7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid ukoll li hu ma jsibx oggezzjoni jekk jigu accettati xi pagamenti mill-kunsilliera wara il-hin tal-ufficju, dan dejjem jekk il-kunsillier li jaccetta l-pagamenti jaccetta wkoll li jinzamm responsabbli mill pagament u minn xi bidla fis-somma dovuta.

**Nota: 17:00 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 8. Proposta – Statwa tal-Bronz

8.1 Is-Sindku talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jiftah il-materja.

8.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris beda billi nforma li kien ghadda kuntatt ta' min hu nkarigat sabiex il-Kunsill jikteb direttament lilu u jitolbu permess sabiex tkun tista' titpogga l-istatwa tal-bronz proposta fi Gnien il-Mall.

8.3 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jistenna r-risposta mill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Affarijiet Rurali qabel jipprocedi.

## 9. Bankini u Asfaltar Triq l-Argotti u Triq l-Iljun

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li wahda mir-responsabbiltajiet tal-kunsilliera hija li jsegwu wara l-kuntratturi u jsostnu li x-xoghol isir mill-aktar fis.

9.2 Huwa kompla jghid li ma kienx gust li x-xoghol ta' bankini u asfaltar fi Triq l-Argotti u fi Triq l-Iljun ma kienx qed jitkompla u kien hemm bzonn li l-Kunsill jara x'jaghmel sabiex ihaffef il-process u x-xoghol jitlesta mill-aktar fis.

9.3 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li wara li kien tkellem mal-Perit, kien gie miftiehem li jekk ikun hemm bzonn, l-kuntrattur ghandu jithalla jibda minn Triq l-Iljun.

9.4 Is-Sindku Nigel Holland sostna li l-Kunsill ghandu jsegwi lill-kuntrattur u jinsisti sabiex ix-xoghol ma jaqax lura.

**Nota: 17:10 Il-Kunsillier Anthony Brincat talab li jkun skuzat.**

9.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jiltaqa' mal-kuntrattur fuq is-sit l-ghada filghodu stess.

9.6 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandu jiffissa laqgha mas-Sur Richard Ellis mill-aktar fis.

## 10. Celebrazzjonijiet Nazzjonali ta Lejliet l-Ewweltas-Sena

10.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku Matthew Paris u lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili sabiex jifthu l-materja.

10.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li wara l-laqgha li kellhom mal-Kunsill tal-Belt Valletta, jidher li l-Kunsill tal-Belt kien laqa' l-proposta b'mod pozittiv.

10.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris zied jghid li ghall-bidu kien hemm hsieb li l-attivita' tigi organizzata taht isem wiehed izda tinqasam fi tnejn xorta wahda izda kien intlahaq ftehim li l-attivita' tkun wahda u organizzata flimkien.

10.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris kompla jghid li l-ftehim kien li z-zewg kunsilli jaghzlu zewg pjazez fil-lokalita' taghhom li fihom jixtiequ li jtellghu xi attivitajiet li jkunu jaghmlu parti mill-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-sena.

10.5 Is-Sindku Nigel Holland zied jghid li kulturalment xorta ma jhossx li din l-attivita' kellha tigi organizzata b'mod kongunt izda la l-maggoranza tal-Kunsill qablet li ladarba kien ta' beneficcju ghall-kunsill, din l-attivita' kellha tittella' b'mod kongunt.

10.6 Il-Kunsill ghalhekk qabel li ghandu jiffissa laqgha mal-Kunsill tal-Belt Valletta li matulha jkunu prezenti l-kunsilliera kollha tal-Kunsill Lokali Floriana u dawn tal-Belt Valletta kif ukoll il-kuntrattur tal-G7 u xi individwi/kumpaniji ohra li kellhom interess f'din il-proposta.

## 11. Monti tal-Hadd

11.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma li l-individwi li jarmaw fuq il-monti ma kienux kuntenti b'fejn kienu gew rilokati u dan kienu qed juruh b'mod car.

11.2 Is-Sindku zied jghid ukoll li l-Kunsill kien qed ikollu hafna spejjez kawza ta' din ir-rilokazzjoni inkluz izda mhux biss dik tal-gwardjani lokali li ta' kull nhar ta' Hadd kienu qed jintbaghtu sabiex jiehdu r-rassenja ta' dawk li jkunu armati fuq il-Monti.

11.3 Huwa kompla jghid li minn dan il-progett il-Kunsill ma kien qed jiehu xejn izda ghall-kuntrarju, kien qieghed biss jonfoq.

11.4 Ghalhekk, is-Sindku ppropona li l-Kunsill iwaqqaf is-servizz tal-gwardjani lokali ta' kull nhar ta' Hadd u jinforma lill-Ministru b'dak li gie diskuss f'din il-materja. Il-Kunsill qabel.

## 12. Indafa fil-Floriana

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi nforma lill-Kunsill li minn informazzjoni li kellu, minflok zewg kenniesa jidher li qed ikun hemm biss wiehed.

12.2 Hu zied jghid li ghalkemm fit-tender ma kienx hemm numru specifikat ta' haddiema li jridu jkunu prezenti fil-lokalita', id-differenza kienet qed tinhass u tidher car miz-zieda fin-numru t'ilmenti.

12.3 Is-Sindku Nigel Holland qal ukoll li l-kuntrattur kien deher li qed jaghmel sforz meta l-Kunsill kien beda jadotta l-mizura li jimmultah ghan-nuqqasijiet tieghu u ghalhekk ippropona li jekk hemm bzonn, terga' tibda tigi adottata din il-procedura.

12.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkollu kopja tar-roster ta' kif jitqassam il-knis u t-tindif. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

**Nota: Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris gie mitlub jippresiedi l-laqgha fl-assenza tas-Sindku.**

12.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jaghzel tliet toroq f'xahar li ghandhom jigu mahsula fil-perjodu tas-Sajf.

12.6 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni u qabel li ghandu jitkellem mal-kuntrattur sabiex jara jekk dan ikunx possibli.

**Nota: Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**
**Is-Sindku Nigel Holland kompla jippresiedi l-laqgha.**

12.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ipproponiet li jinhasel il-monument ta' Pietro Paolo

Floriani minhabba li dan kien thammeg bil-hmieg tal-hamiem. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li jinhaslu wkoll il-Floriana Heritage Trail signs. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

12.9 Il-Kunsill qabel ukoll li ghandhom jinhaslu l-globi tal-fanali ornamentali li hemm fuq il-Fosos iz-zghar kif ukoll dawk li hemm fil-gonna.

## 13. Qaghda finanzjarja tal-Kunsill Lokali

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi fakkar fil-qaghda kritika tal-Kunsill fir-rigward ta' finanzi.

13.2 Huwa kompla jghid li kien hemm bzonn li l-Kunsill jahseb f'alternattivi sabiex ikun jista' jirrimedja mqar parti zghira mill-piz finanzjarju.

13.3 Is-Sindku kompla billi ppropona li l-Kunsill jaghmel ezercizzju fuq is-servizzi li qed joffri u l-ispejjez relatati maghhom. Huwa semma l-ezempju tal-kera li tithallas fil-Kunsill u li ghalhekk tinvolvi spiza rikorrenti f'materjal u anke fis-salarji tal-haddiema u sostna li minn dawn l-ispejjez, il-Kunsill ma jiehu lura xejn.

13.4 Is-Sindku ppropona wkoll li l-Kunsill jiltaqa' ma' xi kumpaniji li joffru s-servizz ta' parking meters sabiex tigi evalwata l-possibilta' li dawn jibdew jitwahhlu u jintuzaw fil-lokalita'.

13.5 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona wkoll li jsir sforz ikbar biex il-gonna jibdew jinkrew ghal funzjonijiet diversi, inkluzi tigijiet jew festini.

13.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris ippropona li l-Kunsill jitkellem ma' wedding planners jew johrog expression of interest ghal min ikun interessat jiehu dan is-servizz f'idejh.

13.7 Is-Sindku Nigel Holland fakkar li f'Kunsill precedenti, kien hemm decizjoni li Gnien Sir Luigi Preziosi ma jinkeriex kollu u li jekk il-Kunsill jixtieq li jkompli jbiddel din l-idea, ser ikun hemm bzonn li titressaq rizoluzzjoni specjali sabiex tigi emendata din id-decizjoni.

13.8 Il-Kunsillier Matthew Paris zied jghid li n-nies huma ghatxana ghall-venues u postijiet godda u ghalhekk ihoss li l-Kunsill ikun qed jaghmel pass tajjeb jekk jiddeciedi li johrog expression of interest. Huwa zied jipproponi wkoll li f'kaz li l-Kunsill ihoss li l-gnien ikun qed jinkera ta' spiss, jista' jillimita l-kirja ghal kirja wahda biss fix-xahar.

13.9 Il-Kunsill qabel li ghandu johrog expression of interest sabiex jara l-alternattivi tieghu f'dan ir-rigward.

## 14. Floriana fest

14.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li z-zmien kien qed joqrob ghall-attivita' annwali mtella' mill-Kunsill u ghalhekk saqsa jekk giex iffinalizzat il-programm ghal din l-attivita'.

14.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li l-programm kien ghadu ma giex iffinalizzat izda l-poster ufficcjali ghal din l-attivita' kien diga hareg u ser jibda' jigi ditribwit.

14.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat li l-attivita' ser issir fuq tliet ijiem fejn ser ikun

hemm fashion show u exhibition fl-ewwel gurnata, diskussjoni, loghob u kant fit-tieni gurnata u l-ghoti ta' premjijiet, kant u dj fit-tielet gurnata.

14.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili nformat ukoll li kien ser jigi organizzat tournament tal-futbol fejn Justin Haber kien mistieden ikun ir-referee ta' dawn il-loghobiet.

14.5 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet li l-Kunsill jitlob permess lill-Pulizija sabiex l-attivitajiet idumu sa nofs il-lejl minflok sal-11.00pm.

14.6 Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-kunsilliera sabiex jghaddu n-nominazzjonijiet taghhom ghall-premju Gieh il-Floriana.

14.7 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili innominat lis-Sinjorina Jackie Mercieca.

14.8 Is-Sindku Nigel Holland innomina lil Dun Pawl Camilleri.

14.9 Il-Vici Sindku Matthew Paris iddikjara li ser jastjeni mill-vot minhabba kunflit t'interess.

14.10 Ghalhekk il-Kunsill qabel li l-premju Gieh il-Floriana ghandu jinghata lis-Sinjorina Jackie Mercieca.

## 15. Sottokumitati

15.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi saqsa jekk primarjament kienux intbaghtu ittri lill-membri kollha li kienu jifformaw parti mis-sottokumitati tal-hames legislatura tal-Kunsill. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li dawn kienu ser jintbaghtu fil-jiem li gejjin.

**Nota: 18:10 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

15.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-kunsilliera li minhabba li l-kunsilliera kollha huma membri ex officio ta' kull sotto kumitat fi hdan il-Kunsill, kellu jsir mezz sabiex kull kunsillier ikun informat b'kull laqgha ta' kull sotto kumitat.

**Nota: 18:15 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega attenda ghal-laqgha.**

## 16. Hatra ta' Street Leaders

16.1 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku Matthew Paris sabiex jiftah il-materja minhabba li kien hu li talab li din titpogga fuq l-agenda.

16.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi ssuggerixxa li l-Kunsill johloq komunikazzjoni iktar facli mar-residenti tal-lokalita'. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill johrog sejha ghal min hu interessat ikun "street leader" u cioe, jkun ir-rapprezentant tar-residenti li joqghodu fi triq partikolari u jkun inkarigat iwassal il-messagg tal-Kunsill lilhom u vice-versa.

16.3 Il-Vici Sindku zied jghid li permezz ta' dan, il-Kunsill ikun qed johloq mezz ta' komunikazzjoni iktar facli fejn il-Kunsill u r-residenti u fl-istess hin jigi mghejjun fl-indikazzjoni ta' problemi li hemm f'certu toroq kemm ta' manutenzjoni kif ukoll ta' xorta ohra.

16.4 Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din il-proposta u ghalhekk qabel li ghandu johrog sejha ghal dawk interessati jkunu *street leaders*.

## 17. Skema First Time Buyers

17.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 18. Hwejjeg Ohra

18.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn xi residenti li joqghodu hdejn l-iskola Ospizio li talbu li titwahhal mera ohra ftit 'l isfel minn dik ezistenti. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

18.2 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li giet avvicinata minn residenta li talbet li r-rampi li hemm fi Triq Sant'Anna jigu spustjati u jitbaxxew ftit minhabba li huma gholjin wisq ghal nies b'dizabbilta'. Il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jikteb lill-Ministeru ghar-Rizorsi u l-Infrastruttura b'din il-proposta.

18.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili informat lill-Kunsill li fi Triq Pietro Floriani kien hemm rampa li kellha bzonn titranga. Il-Kunsill qabel fil-principju izda qabel li ghandu l-ewwel jiehu l-parir tal-Perit tal-Kunsill dwar dan.

18.4 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li kien hemm bzonn jissewwew jew jinbidlu z-zwiemel tal-injam li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V. Il-Kunsill ma qabilx li dawn ghandhom jinbidlu ghalissa qabel ma l-Kunsill ikollu stampa cara ta' kif ser jipprocedi fuq il-bandli in generali.

18.5 Il-Kunsillier Vincent Borg informa lill-Kunsill li fi Triq l-Imhazen kien hemm parkegg riservat ghall-persuna b'dizabbilta' u li ma kinietx ghadha eligibbli ghaliha. Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Transport Malta u jinformahom b'dan.

## 19.0 Aġġornament tal-laqgħa

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar l-Erbgha 12 ta' Settembru 2012 fl-4.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18.50.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv